TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 92/18/F

**Philip Farrugia**

**vs**

**Eurofreight Services Ltd.**

Illum 21 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Ġunju, 2018 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' sitt mija u għoxrin ewro (€620), rappreżentanti prezz skond ir-rikorrenti żejjed li ħallas sabiex joħroġ il-merkanzija mix-xatt.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna scissors lift bix-shipping kollu inkluż miċ-Ċina, u kif wasal Malta kellu jħallas sitt mitt ewro (€600), sabiex jiġi rilaxxat dan is-scissors lift mid-Dwana.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li r-rikorrenti jidher illi ordna dan is-scissors lift bil-prezz kollu mħallas tat-trasport, pero' meta wasal Malta ġie mogħti lilu kont ta' sitt mitt ewro (€600) permezz ta' invoice, sabiex dan is-scissors lift jiġi rilaxxat mid-Dwana, liema kont kien tat-trasport lokali.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi ta' xogħolha trid titħallas u li ma kien hemm ebda arranġament mal-main transporter.

Illi min-naħa l-oħra r-rikorrenti qal illi kien irranġa kollox sabiex ma jħallasx iktar u jiġi ikkonsenjat dan is-scissors lift għandu.

It-Tribunal, jinnota li jidher illi kien hemm xi konfużjoni bejn il-main transporter u l-aġent tiegħu ta' Malta, fejn jirriżulta ċar u tond illi r-rikorrenti ma kienx infurmat b'dawn l-ispejjeż.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

Tenut kont taċ-ċirkostanzi, t-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' ntimata tirrifondi nofs l-ispejjeż, jiġifieri l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**